Il-Kummissjoni Ewropea

# Green City Accord

## Bliet Nodfa u f'Saħħithom għall-Ewropa



Ambjent

*Il-Green City Accord huwa moviment ta' bliet Ewropej impenjati li jħarsu l-ambjent. Bl-iffirmar tal-Green City Accord, il-mexxejja tal-bliet jaqblu li jieħdu azzjoni ulterjuri biex jagħmlu l-bliet tagħhom ekoloġiċi, postijiet aktar nodfa u aktar f'saħħithom.*

# Għala Green City Accord?

Fiż-żoni urbani joqgħodu madwar 70% tal-popolazzjoni tal-UE. L-istat tal-ambjent tal-belt jaffettwa lil kull min jgħix u jżur il-belt. Illum il-bliet madwar l-Unjoni Ewropea għandhom quddiemhom għadd ta' sfidi ambjentali li joħolqu riskji għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tagħhom. It-tniġġis tal-arja f'bosta bliet għadu jaqbeż l-istandards tal-UE. Xmajjar, lagi u ilmijiet kostali jibqgħu taħt pressjoni sinifikanti. It-tniġġis akustiku qed jiżdied. It-tifrix urban qed jaffettwa d-disponibbiltà ta' spazji ekoloġiċi, waqt li l-ġenerazzjoni tal-iskart qed ikollha impatt kbir fuq l-ambjent lokali.

**Arja u ilma nodfa, livelli baxxi ta' ħoss, u aċċess għan-natura huma essenzjali għall-benesseri fiżiku u mentali tagħna. L-ekonomija ċirkulari ser tgħin il-bliet isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi billi jibdlu l-iskart f'riżorsi. Bit-teħid ta' azzjoni ambizzjuża f'dawn l-oqsma, il-gvernijiet lokali ser jagħmlu l-bliet tagħhom aktar sostenibbli u attraenti għaċ-ċittadini tagħhom.**

Il-Green City Accord ser jibni wkoll koerenza ma' inizjattivi oħra minn bliet fl-UE u jsostni t-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.



Immaġni: Unsplash / Ignacio Brosa

# Viżjoni

**Il-Green City Accord jiġbor flimkien sindki u mexxejja ta' gvernijiet lokali minn madwar l-Ewropa madwar viżjoni komuni ta' futur urban fejn sal-2030:**

*Il-bliet isiru postijiet attraenti biex tgħix fihom u ser jippromwovu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini.*

*Iċ-ċittadini kollha ser ikollhom arja nadifa, igawdu ilma nadif, ikollhom aċċess għal parks u spazji ekoloġiċi, u jesperjenzaw inqas storbju ambjentali.*

*L-ekonomija ċirkulari ser tkun realtà u l-iskart ser ikun trasformat f'riżorsa bl-inkoraġġiment ta' aktar użu mill-ġdid, tiswija u riċiklaġġ.*



# Miri

## Meta jingħaqdu mal-Accord, is-sindki jiftehmu li jieħdu azzjoni ulterjuri biex jissodisfaw l-għanijiet li ġejjin sal-2030:

- Titjib sinifikanti fil-**kwalità tal-arja** fil-bliet, rispett ikbar tal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Kwalità tal-Arja, waqt li jintemm il-qbiż tal-istandards tal-kwalità tal-arja fl-UE mill-aktar fis possibbli.
- Progress importanti fit-titjib tal-**kwalità tal-korpi tal-ilma** u l-**effiċjenza tal-użu tal-ilma**.
- Progress konsiderevoli fil-konservazzjoni u t-titjib tal-**bijodiversità** urbana, inkluż permezz ta' żieda fil-kobor u l-kwalità ta' żoni ekoloġiċi fil-bliet, u bit-twaqqif tat-telf u bir-restawr ta' ekosistemi urbani.
- Avvanz lejn **l-ekonomija ċirkulari** bil-kisba ta' titjib sinifikanti fl-immaniġġar tal-iskart muniċipali mid-djar, tnaqqis importanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u l-miżbliet, u żieda sostanzjali fl-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ.
- Tnaqqis sinifikanti fit-**tniġġis** akustiku, tqarrib lejn il-livelli rrakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.



Immaġni: Dreamstime / Olesia Bilkei

# Għala għandek tingħaqad?

**Il-benefiċċji**

- Ikseb **Viżibilità madwar l-Ewropa** b'rikonoxximent tal-azzjonijiet u l-kisbiet ambjentali tal-belt tiegħek.
- Ikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika ambjentali tal-UE u sir parti ta' komunità ta' bliet li jaħsbuha l-istess **li qed imexxu t-tranżizzjoni** lejn Ewropa nadifa u f'saħħitha.
- Żid **it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kredibiltà tiegħek** fil-komunità lokali.
- Ikseb aċċess għal informazzjoni dwar **opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE**.
- Ħu sehem **f'avvenimenti ta' networking**, agħmel użu minn opportunitajiet ta' bini ta' kapaċitajiet.
- Irċievi **gwida u pariri mfassla għalik** permezz ta' helpdesk apposta.
- **Qis** il-kisbiet tal-belt tiegħek kontra l-progress f'ibliet oħra.

# Kif tista' tingħaqad?

L-Accord huwa miftuħ għal kwalunkwe belt fl-Unjoni Ewropea. Awtoritajiet reġjonali u lokali, assoċjazzjonijiet ta' bliet u reġjuni, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet akkademiċi, u negozji jistgħu jingħaqdu mal-inizjattiva bħala Partitarji tal-Green City Accord.

**L-Accord pass pass**

**IFFIRMA:** Is-Sindku jew rappreżentant ekwivalenti tal-kunsill lokali jiffirma il-Green City Accord, wara li tkun ġiet adottata riżoluzzjoni uffiċjali mill-kunsill (jew korp ta' teħid ta' deċiżjoni ekwivalenti);

**IDDEFINIXXI:** Fi żmien sentejn, il-belt tistabbilixxi l-miri ambizzjużi tagħha fil-ħames dominji tal-Green City Accord, u tiddetermina l-livelli tal-linja bażi li jirriflettu l-punt tat-tluq ta' kull dominju;

**AĠIXXI:** Il-belt tippjana u timplimenta politiki u programmi b'manjiera integrata biex tilħaq il-miri tagħha sal-2030;

**IMMONITORJA U RRAPPORTA:** Il-belt tirrapporta lura dwar il-progress kull tliet snin permezz ta' għodda online faċli biex tintuża.

www.greencityaccord.eu
contact@greencityaccord.eu

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhi responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni.

© L-Unjoni Ewropea, 2020

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-76-23912-3 | doi: 10.2779/211429 | KH-01-20-626-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-76-23889-8 | doi: 10.2779/612692 | KH-01-20-626-MT-N |